15 ta' Jannar, 1945.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Maria Sammut *versus* Giorgio Zerafa et.

**Bejgħ — Fond Komuni — Likwidazzjoni — Azzjoni Rivendikatorja.**

*Meta wieħed ibiegħ il-kwoti kollha ta' fond għan-nom tad-diversi proprjetarji, ma jkunx qiegħed ibiegħ waħdu fond komuni, u għalhekk min jippretendi li jirrivendika l-kwota tiegħu hekk mibjugħa mhux obligat qabel xejn jitlob il-likwidazzjoni ta' dik il-komunjoni.*

*Meta f'kuntratt ta' bejgħ persuna tidher bħala venditriċi obligata b'dak il-kuntratt, limitatament għall-kwota tagħha, ma jistax jingħad illi dak il-kuntratt, fil-konfront tagħha, huwa tali li "neque prodest neque nocet".*

*Jekk f'kuntratt ta' bejgħ ġew determinati u aċċettati l-kwoti tad-diversi vendituri, ma jistgħux il-kontraenti "ope exceptionis" jikkontrastaw il-kwoti minnhom stess stabbiliti u aċċettati.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attriċi, wara li qalet illi b'kuntratt għand in-Nutar Angelo Cachia fil-5 ta' Lulju 1938 l-imsemmi Giorgio Vella, missierha, biegħ lill-imsemmi Giorgio Zerafa l-utili dominju perpetwu tal-forn bl-abitazzjoni miegħu li qiegħed il-Marsa, Azzopardi Street, nri. 88 u 89 (il-lum 32 u 34), suġġett għaċ-ċens perpetwu ta' £4. 5. 0 fis-sena, u suġġett għas-servitù tat-twieqi lejn bini ta' ħadd ieħor u għall-komunjoni tal-bir ma' proprjetà oħra, minn ħwejjeġ oħra liberu u frank; u li dina l-proprjetà kienet tappartjeni in kwantu għal nofs indiviż lill-konvenut Giorgio Vella u in kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor lilha u lil ħutha Rosaria, Giorgio, Francesco u Publio, aħwa Vella, ilkoll ulied l-istess Giorgio Vella, f'partijiet ugwali; u li b'kuntratt fuq imsemmi l-istess Giorgio Vella biegħ għan-nom tiegħu proprju n-nofs indiviż li kien jappartjeni lilu, u biegħ in-nofs indiviż l-

iehor bħala leġittimu rappreżentant ta' l-imsemmijin uliedu, li ġew fil-kuntratt indikati bħala minuri u bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti; u li hu iżda kienet maġġjorenni; talbet illi jiġi dikjarat u deċiż illi non ostanti l-kuntratt fuq imsemmi, id-deċima parti indiviża ta' l-utili dominju perpetwu tal-fond imsemmi huwa ta' proprjetà tagħha, u li tiġi pronunzjata r-riżoluzzjoni ta' l-istess kuntratt fuq imsemmi in kwantu jirrigwarda l-imsemmija deċima parti indiviża ta' l-utili dominju fuq imsemmi li tappartjeni lilha, għall-finijiet kollha tal-liġi u in ispeċje għall-finijiet ta' l-art. 263B. tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-24 ta' Diċembru 1943;

*Omissis;* .... ........ ..... .. ....

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-5 ta' Ottubru 1944, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi b'din il-kawża l-attriċi qiegħda l-ewwelnett titlob id-dikjarazzjoni li hija proprjetarja ta' deċima parti indiviża tal-fond in kwistjoni għaliex hija waħda mill-ħames werrieta ta' ommha Carmela Vella, u dak il-fond kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-imsemmija ommha u missierha, il-konvenut Giorgio Vella; u mbagħad, bħala konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni, qiegħda titlob ukoll li jiġi dikjarat riżolut il-kuntratt tal-bejgħ ta' l-istess fond magħmul mill-imsemmi Giorgio Vella għan-nom tiegħu proprju għan-nofs indiviż, u bħala leġittimu rappreżentant ta' l-imsemmijin ħames uliedu, bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, għan-nofs l-iehor indiviż, in atti Angelo Caclia tal-5 ta' Lulju 1938, in kwantu dak il-bejgħ jirrigwarda l-imsemmija deċima parti indiviża ta' l-istess fond, billi hija tgħid illi meta sar dak il-bejgħ hija ma kienetx allura minorenni;

Illi huwa veru li d-dikjarazzjoni fuq imsemmija ma tistax tiġi mogħtija qabel il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti fuq imsemmija, kif irrilevaw il-konvenuti; iżda fil-fattispeċje ma jistax jingħad illi ma hemmx likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn l-imsemmijin Carmela

Vella u l-konvenut Giorgio Vella, ġenituri ta' l-attriċi, għaliex jirriżulta mill-inventarju in atti Micallef De Caro, li kopja awtentika tiegħu tinsab fl-attijiet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti (digriet numru 54 ta' l-1937), illi dik il-komunjoni kienet biss komposta mill-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni u minn mezzanin ieħor numru 80 fl-istess Azzopardi Street, il-Marsa, soġġetti flimkien għaċ-ċens perpetwu ta' £5. 12. 6 fis-sena, u flimkien kapaċi jagħtu kera ta' £32 fis-sena, u kien hemm a kariku ta' dik l-istess komunjoni żewġ djun, wieħed ta' £100 lejn Giuseppe Jacono u l-ieħor ta' £212 lejn Giuseppe Scicluna;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Giorgio Zrafa, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni minnu mogħtija, u hekk jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Giorgio Vella, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-intempestività minnu mogħtija..............;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt.............. Fuq l-istess kuntratt ġiet indikata l-provenjenza tal-fond mibjugħ.............. Mid-dokument eżibit fil-fol. 18 tal-proċess irriżulta li l-attriċi appellata twieldet fit-30 ta' Ottubru 1918, u għalhekk, meta sar il-kuntratt jiġifieri fil-5 ta' Lulju 1938, hija kellha dsatax-il sena magħluqa, u ma kienetx minuri bħal ma ġie dikjarat fil-kuntratt;

Ikkunsidrat;

*Illi fuq il-fatti fuq miġjubin jinsabu bażati t-talbiet taċ-*ċitazzjoni, li jikkonsistu.............. Kontra dawn it-talibet iż-żewġ appellanti, in linea preliminari, opponew l-eċċezzjoni ta' l-intempestività u talbu l-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-gudizzju, billi l-likwidazzjoni ta' l-akkwisti bejn l-appellant Vella u martu Carmela ma ġietx likwidata u maqsuma;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, bis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1944, ċaħdet dik l-eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u kontra dik is-sentenza ġie magħmul dan l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz mhumiex applikabili d-dottrina u l-ġurisrisprudenza ċitati fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' April 1944, fil-kawża "Chircop vs. Portanier", għar-raġunijiet hawn taħt miġjuba:—

a) Għaliex f'dan il-każ l-appellant Vella ma biegħx il-fond kollu bħala ħaġa tiegħu, iżda huwa biegħ, u l-appellant Zerafa xtara, deċima parti ta' dak il-fond bħala spettanti lill-attriċi appellata, u din bl-ipoteka ta' ħwejjiġha għamlet tajjeb favur ix-xerrej għal paċifiku pussess u tgawdija ta' dik il-porzjoni li fl-isem tagħha ġiet mibjugħa;

b) Għaliex, sakemm dak il-kuntratt ta' bejgħ jibqa' kif inhu, l-attriċi tidher obligata għal dak li hemm fih, limitatament għall-porzjoni fuq imsemmija, u mhux, kif isostnu l-appellanti, terza persuna li fil-konfront tagħha dak il-kuntratt "neque prodest neque nocet";

c) Għaliex la darba bil-kuntratt fuq imsemmi ġiet indikata l-porzjoni li kellha l-attriċi mill-fond mibjugħ, u dik l-indikazzjoni ġiet aċċettata mill-kontraenti, ma jistgħux huma "ope exceptionis" jikkontrastaw dik il-porzjoni minnhom stabbilita u aċċettata;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm l-inventarju ma jistax jittieħed bħala likwidazzjoni, iżda f'dal-każ huwa evidenti mid-dikjarazzjoni ta' l-appellant Vella li huwa ma għandux krediti kontra l-komunjoni, u għalhekk il-likwidazzjoni mhix neċessarja f'dan il-każ, għax ikunu qegħdin isiru spejjeż inutili ta' aggravju lill-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-appelli mressqin mill-appellanti Vella u Zerafa ma jisthoqqilhomx jiġu milqugħa;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut Vella bl-ispejjeż kontra

tieghu, u dak tal-konvenut Zerafa bl-ispejjeż kontra tieghu, u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re fil-5 ta' Ottubru 1911.